MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 175/2006

Kawza fil-lista: 28

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fis-26 ta’ Mejju 1996 il-partijiet ghaddew minn cerimonja taz-zwieg fir-Registru Pubbliku (Dok A);

2. Illi matul il-hames snin u nofs li kienu gharajjes, il-konvenuta kellha relazzjonijiet ohra ma’ terzi;

3. Illi anki wara z-zwieg, il-konvenuta kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel ohra u ma gabitx ruhha ta' mizzewga fil-konfront ta' zewgha l-attur;

4. Illi l-attrici matul iz-zwieg kellha relazzjoni ma' ragel iehor li minnu kellha tarbija, u dan ghall-insaputa ta' zewgha l-attur;

5. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew ghad-drittijiet u l-obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew b' anomalija serja li taghmilha impossibli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

6. Illi dan iz-zwieg huwa null stante li l-kunsens ta' l-attur inkiseb b' qerq minn naha tal-konvenuta;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara null u bla effett iz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-26 ta' Mejju 1996 kif indikat f' estratt veru mill-Att taz-Zwieg numru sebgha sitta sitta zbarra elf disa' mija u sitta u disghin 766/1996 u dan ai termini ta' l-artikolu 19 sub-artikolu 1 para (c), (d) u (f) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuta debitament ingunta ghazlet li tibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu mal-konvenuta kuntrattat fis-26 ta’ Mejju 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-konvenuta, fit-termini tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Il-Fatti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu ; u mill-provi jirrizulta pacifiku li huma zzewwgu fis-26 ta’ Mejju 1996, meta allura l-attur kellu 28 sena u l-attrici kellha 24 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa hames [5] snin. Wara konvivenza ta’ cirka ghaxar [10] snin, il-partijiet isseparaw de facto, u ffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali fl-24 ta’ Novembru 2005.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacent provat li l-konvenuta qatt ma kienet komda ma’ l-attur u qatt ma kellha “dik il-gibda lejh”, lanqas meta kienu johrogu flimkien qabel iz-zwieg; u hi tghid li kienet il-pressjoni jew l-influwenza tal-gennituri taghha li kienu geghluha tkompli mieghu, peress li huma kienu ferhanin bih. Konsegwentement, wara sentejn mid-data taz-zwieg il-konvenuta dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ terza persuna, li damet sejra tul il-kumplament tal-konvivenza matrimonjali, u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla fit-12 ta’ Novembru 2003. L-attrici tghid li l-attur ma kienx induna b’ din ir-relazzjoni, izda wara t-twelid tat-tifla “ma flahtx izjed jiena, ghidtlu l-verita’ kollha.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-kwadru premess, tal-fatti sodisfacentement provati, il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat. Il-forma mentis taghha fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha kien jimmanifesta difett serju

ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali. *Ex admissis*, hija kienet izzewwget lill-attur, mhux ghax kienet thobbu, jew ghax kellha gibda fizika lejh, izda ghax issottomettiet ruhha ghall-influwenza tal-genituri taghha ; bir-rizultat li, ftit wara z-zwieg, hija dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali ad insaputa ta' zewgha, li damet sejra tmien [8] snin.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-26 ta' Mejju 1996.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------